MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2012

Citazzjoni Numru. 78/2009

**Anthony Mercieca u martu Graziella Mercieca**

**vs**

**Josef Debattista u l-Avukat Dottor Michael Caruana**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu gie premess is-segwenti:-

1. Illi l-esponenti Anthony Mercieca gie nkarigat iwettaq xoghol ta' tahmil u bini fi Triq George Borg Olivier, Victoria, Ghawdex miz-zewg intimati.

2. Illi dan sehh in segwitu ghal skrittura ffirmata bejn iz-zewg intimati fis-26 ta' Settembru 2006 wara ntervent

tal-periti rispettivi l-Perit Joseph Dimech u l-Perit Guido Vella;

3. Illi l-kont globali ghax-xoghol illi wettaq l-esponenti ntela ghall- erbgha u tletin elf tmien mija u tletin euro u wiehed u ghoxrin centezmu (€34,830.21c);

4. Illi bejn l-intimati nqalghu divergenzi aspri dwar min minnhom ghandu jhallas liema parti mill-kont globali;

5. In effetti l-Avukat Caruana hallas lill-esponenti l-ammont ta’ tnax-il elf u sittin euro u tlieta u sittin centezmu (€12,060.63c) fid-dsatax (19) ta’ Gunju 2008, liema ammont huwa dak illi l-istess Avukat Caruana sostna illi jirraprezenta l-ammont korrett dovut minnu, u liema ammont l-esponenti rcevieh minghajr pregudizzju ghad-dritt tieghu ghall-hlas tal-bilanc dovut lilu;

6. Illi l-intimat Josef Debattista hallas biss is-somma ta’ sebat elef mitejn u tnejn u tmenin euro u erbgha u tletin centezmu (€7,282.34c) u minkejja illi l-Perit Dimech hareg kont rivedut skond liema l-istess Debattista kellu jhallas total ta’ sebat elef tmien mija u tlieta u tmenin euro u sitt centezmi (€7,883.06c), u l-esponenti wera l-volonta’ tieghu sabiex jithallas dan il-bilanc ta’ sitt mitt euro u tnejn u sebghin centezmu (€600.72c) minghajr pregudizzju, l-intimat Debattista lanqas dan l-ammont ma hallas;

7. Illi l-isforzi kollha tal-esponenti sabiex iwassal lill-intimati ghall- ftehim bonarju, jew ghal riferenza ghall-arbitragg bonarju sabiex jigi determinat kif ghandu jinqasam bejniethom il-bilanc dovut lilu, fallew, l-aktar minhabba l-fatt illi Josef Debattista qatt ma rrisponda b’mod posittiv ghad-diversi proposti illi sarulu;

8. Illi l-esponenti ghad fadallu jithallas, ghalhekk, is-somma ta’ hmistax-il elf erba’ mija u sebgha u tmenin euro u erbgha u ghoxrin centezmu (€15,487.24) bilanc ghax-xoghol ezegwit minnu flimkien mal-interessi legali fuq din is-somma b’effett mid-data ta’ meta nhareg il-kont mill-Perit Dimech sad-data tal-pagament effettiv;

Ghalhekk ir-rikorrenti talbu lil din il-Qorti sabiex:

a. Tiddikjara illi l-konvenuti jew min minnhom ghandkom ihallsu lill-attur is-somma ta’ hmistax-il elf erba’ mija u sebgha u tmenin euro u erbgha u ghoxrin centezmu (€15,487.24) bilanc ghax-xoghol ezegwit minnu flimkien mal-interessi legali fuq din is-somma b’effett mid-data ta’ meta nhareg il-kont mill-Perit Dimech sad-data tal-pagament effettiv;

b. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu dan l-ammont lill-attur f’dawk il-kwoti illi jigu stabbiliti, okkorrendo ad opera ta’ perit nominand.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa huma ngunti.

Rat ir-risposta guramentata ta’ Josef Debattista :

1. Illi l-esponenti sa minn dejjem accetta li jhallas l-ammont dovut minnu a bazi tar-rapport peritali redatt mill-Perit Arkitett Joseph Dimech u liema rapport huwa ukoll ipprezentat fl-atti ta’ dina l-istess kawza;

2. Illi di fatti kontestwalment ma’ dina l-istess risposta l-esponenti pprezenta wkoll cedola bl-ammont dovut minnu u dana sabiex jezimi ruhu minn kull responsabilita’ ta’ hlas li setghet kienet ghadha dovuta lir-rikorrenti Mercieca;

3. Illi di fatti kienu l-istess rikorrenti Mercieca li rrifjutaw li jaccettaw il-hlas ta’ l-ammont ta’ sitt mitt Euro u tnejn u sebghin centezmu (€600.72) u cioe’ l-bilanc li rrizulta dovut mill-esponenti bhala hlas a saldu ta’ l-istess esponenti;

4. Illi ghaldaqstant, dina l-istess kawza saret inutilment fil-konfront ta’ l-esponenti u huwa ghalhekk li dina l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talbiet attrici fil-konfront ta’ l-esponenti bl-ispejjez kontra l-istess atturi.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat li fir-risposta guramentata tieghu l-Avukat Dottor Michael Caruana eccepixxa li:

1. Illi l-pretensjoni ta’ l-atturi konjugi Mercieca fil-konfront ta’ l-esponenti ghall-hlas ta’ bilanc li allegatament ghadu dovut lilhom hija nfondata fid-dritt u fil-fatt stante li l-esponenti hallas ghall-kwantita’ tax-xoghol kollu li huwa kien obbliga ruhu li jhallas ghalih bis-sahha ta’ l-iskrittura datata sitta u ghoxrin (26) ta’ Settembru 2006;

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti qatt ma ta l-kunsens tieghu sabiex isir tahmil jew xoghol ta’ bini u konkos in eccess minn dak stabbilit fl-imsemmija skrittura u per konsegwenza huwa ma ghandux ihallas ta’ xoghol li sar minghajr il-kunsens u l-approvazzjoni tieghu u ta’ xoghol li huwa qatt ma talab li jsir;

3. Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont globali pretiz mir-rikorrenti konjugi Mercieca, sia ghal dak li ghandu x’jaqsam ma’ rati ta’ materjal kif wkoll ghal dak li ghandu x’jaqsam ma’ rati ta’ xoghol, huwa esagerat u gie kalkulat b’rati li ma jirriflettux ir-rati applikabbli ta’ hlas ghal xiri ta’ materjal u xoghol simili fiz-zmien li sar l-istess xoghol. In oltre rrizultaw wkoll diskrepanzi fil-kejl tax-xoghol li sar, kif sejjer jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

5. B’riferenza ghal kull paragrafu tar-rikors guramentat, imbaghad, l-esponenti ghandu s-segwenti x’jirrileva:

(a) Illi kien l-istess Josef Debattista li nkariga lil Anthony Mercieca sabiex jintraprendi x-xoghol ta’ tahmil u bini u l-istruzzjonijiet tax-xoghol li kellu jsir, Mercieca dejjem ircevihom minghand Josef Debattista u mhux minghand l-esponenti;

(b) Illi salv ghal dak li jinghad fil-paragrafu precedenti, l-esponenti jaqbel mal-kontenut tat-tieni paragrafu;

(c) Illi b'referenza ghat-tielet paragrafu ghandu jinghad li ghalkemm wiehed mid-diversi kontijiet prezentati kien jammonta ghall-erbgha u tletin elf tmien mija u tletin ewro u wiehed u ghoxrin ewro centezmi (€34,830.21), l-esponenti, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet sollevati minnu, isostni li l-ammont mitlub huwa wiehed esagerat u qieghed jikkontesta dan l-ammont globali kif wkoll il-bilanc ta' hlas li qieghed jintalab f'paragrafu tmienja (8);

(d) Illi huwa minnu li qamu divergenzi bejn l-intimati skond kif jinghad fir-raba' paragrafu tar-rikors promotur ghar-raguni li Josef Debattista ippretenda li l-esponenti kellu jhallas ghal xoghol li sar minghajr il-kunsens u l-approvazzjoni ta' l-esponenti u in eccess ta' dak pattwit bejn l-intimati fl-iskrittura tas-26 ta' Settembru 2006;

(e) Illi l-hames paragrafu mhux kontestat;

(f) Illi l-esponenti mhux fil-posizzjoni li jikkonferma l-korrettezza o meno tal-kontenut tas-sitt paragrafu. Jissenjala biss li huwa onora l-obbligi minnu assunti fl-iskrittura tas-26 ta' Settembru 2006 u kien ghalhekk li fid-19 ta' Gunju ghamel hlas ta' tnax-il elf u sittin euro u tliet centezmi (€12,060.03) lir-rikorrenti;

(g) Illi in vista tal-premess ghalhekk ma hemm l-ebda ammont ulterjuri li jrid jithallas mill-esponenti lir-rikorrenti.

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku l-AIC Alan Saliba nominat permezz ta' digriet tat-23 ta' Dicembru 2009 u r-risposti in eskussjoni.

Rat li fis-seduta ta' l-14 ta' Marzu 2012 il-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-6 ta' Lulju 2012 bil-fakolta' li l-partijiet jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet fuq il-kwistjoni ta' l-

imghaxijiet u fuq il-kap ta’ l-ispejjez u dan in vista tan-nota ta’ l-atturi li permezz taghha cedew il-mertu.

Rat li fis-seduta tas-6 ta’ Lulju 2012 il-Qorti kellha bzonn aktar zmien ghall-prolazzjoni tas-sentenza u ghalhekk iddiferiet il-kawza ghal-lum.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Kunsiderazzjonijiet**

Illi peress li l-mertu llum huwa ezawrit, din is-sentenza hija limitata biss ghall-kwistjoni dwar jekk il-konvenut Dr Michael Caruana huwiex obbligat li jhallas imghaxijiet fuq is-sorte u f’kaz affermattiv mil-liema data; kif ukoll ir-ripartizzjoni ta’ l-ispejjez bejn it-tliet kontendenti.

**1. Imghaxijiet**

Illi sabiex jigi deciz dan il-punt jehtieg li ssir referenza ghall-fatti li wasslu ghall-proceduri odjerni:

- Mhux kontestat li l-attur wettaq xoghol ta’ tahmil, bini u kostruzzjoni fuq hajt divizorju bejn il-proprjeta’ ta’ Debattista fi Triq Arcisqof Pietru Pace u ta’ Dottor Caruana fi Triq Sir Gorg Borg Olivier.

- Min-naha taghhom l-Avukat Caruana u Debattista ffirmaw skrittura privata[1] bejniethom. Mercieca ma deherx fuq dan il-ftehim. Dan il-ftehim identifika x-xoghlijiet li kellhom isiru u kif ukoll dwar kif kellhom jinqasmu l-ispejjez. Ghalkemm Mercieca ma ffirmax dan il-ftehim, jidher li kien involut fid-diskussjonijiet li wasslu ghall-ftehim u kien anki prezenti meta sar il-ftehim.

- Ix-xoghlijiet tlestew fit-13 ta’ Novembru 2006.

[1] Dok A a fol 5 *et seq* tal-process

▪ L-attur kien inkariga lill-Perit Joseph Dimech, filwaqt Dr Caruana inkariga lill-Perit Guido Vella. Dawn il-Periti jirrizulta li kienu jiddiskutu bejniethom tant li kemm Caruana u Debattista xehdu li l-ftehim sar wara consensus bejn dawn iz-zewg Periti. Il-Perit tekniku kkonkluda li l-Perit inkarigat mix-xoghlijiet kien pero' il-Perit Dimech mentri l-Perit Vella kien qieghed jagixxi biss sabiex ihares l-interessi ta' l-Avukat Caruana.

▪ Jirrizulta mill-atti li l-Perit Dimech hareg diversi kontijiet izda l-kont li fuqu qed jibbaza t-talba tieghu Mercieca huwa dak rilaxxat mill-Perit Dimech fit-12 ta' Settembru 2009. Dan il-kont huwa fl-ammont globali ta' €34,830.35. Skont dan il-kont Debattista kellu jhallas l-ammont ta' €7,282.34, liema ammont Debattista hallas lil Mercieca filwaqt illi sehem l-Avukat Caruana kien jammonta ghal €27,548.01. L-Avukat Caruana qieghed jikkontesta dan il-kont.

▪ Jirrizulta wkoll li l-Avukat Caruana hallas lil Mercieca l-ammont ta' €12,060.63 fid-19 ta' Gunju 2008 abbazi tal-kont rilaxxat mill-Perit Vella inkarigat minnu datat 10 ta' Marzu 2008[2].

▪ Ghaldaqstant Mercieca permezz tar-rikors guramentat talab il-bilanc ta' €15,487.24[3].

▪ Il-Perit Tekniku[4] wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet fir-rapport tieghu:

'41. It-talba tal-atturi ghandha tigi milqugha fl-ammont ridott ta' <u>sebat elef, tmien mija u sebghin Euro u tletin centezmi (€7,870.30)</u> salv l-interessi legali.

42. Dan il-bilanc ta' <u>sebat elef, tmien mija u sebghin Euro u tletin centezmi (€7,870.30)</u> flimkien mal-interessi legali ghandhom jithallsu mill-konvenut Caruana.

---

[2] Dok C a fol 11 *et seq* tal-process
[3] €34,830.21 - €7,282.34 - €12,060.63
[4] A fol 93 *et seq* tal-process

43. Il-konvenut Debattista hallas zejjed lill-attur Mercieca l-ammont ta’ elf, mija u sitta u disghin Euro u sitt centezmi (€1,196.06). Ma gietx ipprezentata kontro-talba ghar-rifuzjoni ta’ dan l-ammont.

44. Ic-cedola depozitata mar-Registratur tal-Qorti mill-konvenut Debattista fl-ammont ta’ sitt mija Euro u tnejn u sebghin centezmi (€600.72c) tista’ tigi rtirata mill-istess konvenut Debattista’.

- Fl-14 ta’ Marzu 2012 giet prezentata nota mill-attur li permezz taghha ceda l-mertu fit-termini tal-verbal tal-udjenza ta’ dakinhar izda zamm ferm il-kap tal-imghaxijiet u tal-ispejjez tal-kawza.

- Infatti fis-seduta ta’ l-14 ta’ Marzu 2012 il-partijiet qablu li l-konvenut l-Avukat Caruana kellu zmien gimgha minn dakinhar sabiex ihallas lill-attur is-somma ta’ sitt elef u tmien mitt Ewro (€6,800) ghas-saldu tas-sorte. Tali hlas gie effettwat.

Illi l-attur fin-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu sostna li qieghed jippretendi (i) imghaxijiet fuq l-ammont li ma kienx hemm kontestazzjoni dwaru min-naha ta’ l-Avukat Caruana; u (ii) imghaxijiet fuq l-ammont li dwaru kien hemm kontestazzjoni.

Illi dwar l-ammont li ma kienx hemm kontestazzjoni dwaru, l-attur qieghed jirreferi ghall-ammont ta’ €12,060.63 li l-Avukat Caruana hallas lil Mercieca precedentement ghall-istituzzjoni tal-proceduri odjerni.

Illi l-attur semma din il-pretensjoni ghal dawn l-imghaxijiet l-ewwel darba fin-nota ta’ osservazzjonijiet tieghu. Fir-rikors guramentat lanqas biss hemm referenza ghal tali imghaxijiet. Infatti huwa ovvju u evidenti li t-talbiet kif impustati mhumiex qeghdin jinkludu talba sabiex jithallsu xi imghaxijiet fuq l-ammont li thallas precedenti ghall-istituzzjoni tal-kawza. It-talba hija sabiex ikun hemm dikjarazzjoni li l-konvenuti jew min minnhom ihallsu *lill-attur* ***is-somma ta’ hmistax-il elf erba’ mija u sebgha u tmenin euro u erbgha u ghoxrin centezmu***

***(€15,487.24) bilanc ghax-xoghol ezegwit minnu flimkien mal-interessi legali fuq din is-somma[5]*** *b'effett mid-data ta' meta nhareg il-kont mill-Perit Dimech sad-data tal-pagament effettiv.*

Oltre' dan fl-udjenza ta' l-14 ta' Marzu 2012 il-partijiet debitament assistiti qablu li apparti l-kap ta' l-ispejjez, kienet qeghda tithalla mpregudikata wkoll ***il-kwistjoni ta' jekk il-konvenut Dr Michael Caruana huwiex obbligat li jhallas imghaxijiet fuq din is-sorte u f'kaz li iva mid-data ta' meta[6].*** Is-sorte li saret referenza ghalih kien l-ammont ta' €6,800. Ghaldaqstant il-pretensjoni ta' l-attur ghall-imghaxijiet fuq is-somma ta' €12,060.63 ma tistax tigi kkunsidrata.

Illi ghar-rigward ta' l-imghaxijiet fuq is-sorte ossija s-somma ta' €6,800 l-attur qieghed jitlob li jithallas imghax fuq is-€6,800 mit-13 ta' Novembru 2006[7] sal-14 ta' Marzu, 2012. Huwa jsostni li l-fatt li kien hemm kontestazzjoni dwar l-ammont dovut, u l-fatt li biex jigu rizolti l-pendenzi bejn il-partijiet huwa accetta li jithallas biss parti mill-ammont dovut lilu skont l-istess kont m'ghandux jigi nterpretat li l-ammont ma kienx likwidu u ma kienx dovut. L-attur irrefera wkoll ghall-artikolu 1141 tal-Kodici Civili li jipprovdi li *Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummercjali jew jekk il-ligi tkun tiddisponi li l-imghaxijiet ghandhom jibdew ighaddu ipso jure, l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tigi esegwita* u jezigi li f'dan il-kaz l-istess artikolu ghandu jsib l-applikazzjoni tieghu.

Illi l-konvenut l-Avukat Caruana min-naha tieghu jispjega li huwa kien qieghed jirrifjuta li jhallas peress li l-attur kien qieghed jitlob hlas ulterjuri minn dak li ftehmu l-partijiet u anke peress li huwa qatt ma ta kunsens sabiex isir tahmil jew xoghol ta' bini u konkos in eccess ta' dak stabbilit fl-iskrittura (li Mercieca li ma kienx firmatarju taghha). Isemmi li l-partijiet kienu ftehmu li t-tahmil isir sal-livell tat-tlettax (13)-il filata 'l isfel mil-livell tat-triq, pero' t-tahmil sar

[5] Sottolinear tal-Qorti
[6] Sottolinear tal-Qorti
[7] Id-data ta' meta inhareg l-ewwel kont

f'livell aktar baxx u dana meta ma kien hemm l-ebda awtorizzazzjoni bil-mitkub f'dan ir-rigward. L-istrip foundation kellha ssir f'livell aktar baxx minn dak pattwit u kellha ssir tmien piedi wiesgha pero' minflok saret ta' hmistax-il pied. Jilmenta wkoll li saret *backfill* meta din ma kinitx kontemplata bejn il-partijiet. Huwa kien qieghed ukoll jikkontesta r-rati ta' materjal kif ukoll ir-rati tax-xoghol li ntuzaw sabiex inhareg il-kont ta' l-attur.

Illi l-konvenut Caruana jirreferi wkoll ghall-fatt li l-Perit Dimech hareg erba' (4) kontijiet differenti b'diskrepanzi bejn kont u iehor li kienet notevoli. B'din id-diskrepanza ta' kontijiet huwa jsostni li kellu kull dritt jesigi li l-ammont dovut minnu jigi verifikat u likwidat b'mod gudizzjali. Oltre' dan isostni li l-ammont lanqas ma kien facilment identifikabbli fic-cirkostanzi u kwindi kien intitolat li ma jaghmel l-ebda hlas sakemm ikun hemm il-verifiki opportuni. Isemmi wkoll li kien hemm nuqqas ta' qbil fuq ir-rati tal-konkos indikati mill-Perit ta' l-attur.

B'hekk huwa jsostni li l-ammont dovut lill-attur ma kienx cert, likwidu u dovut u kellu ragunijiet validi biex jikkontesta l-ammont. Kwindi qed jinvoka l-principju *in illiquidis non fit mora.*

Illi l-Qrati taghna kellhom diversi drabi l-opportunita' li jezaminaw l-applikazzjoni o meno ta' dan il-principju. Hekk per ezempju fis-sentenza **Maria Ellul Bonnici et vs Felice Mercieca et noe**[8]**:**

*'Illi skond id-dottrina 'in subjecta materia', gie dejjem ritenut li l-imghaxijiet ma humiex dovuti mit-talba meta d-debitu ikun incert u illikwidu, izda mill-jum tal-likwidazzjoni u approvazzjoni taghha; il-ghaliex qabel dik l-approvazzjoni d-debitur ma jistax jinghad li jkun kostitwit in mora,..'*

Illi fil-kawza **Spiridione L. Mizzi pen vs Emmanuele Falzon**[9] intqal:

---

[8] 26 ta' April, 1950
[9] Qorti tal-Kummerc, 16 ta' Frar 1954, Vol XXXVIII.III.642

*"Inoltre, hu ritenut fil-gurisprudenza illi, meta d-debitu jkun cert, jekk id-debitur ikun jaf jew jista' facilment jiddetermina l-ammont ……. Il-massima in illiqudis mora non contrabitur mhix applikabbli. "La massima in liquidandis non fit mora intanto e' da accogliersi in quanto la illiqudita' del debito venga per se stessa a costituire quella causa estranea al debitore e a lui non imputabile". "Quando il debito e' certo, ed il debitore puo' facilmenti determinare l'ammontare, si rende inapplicabile il principio in liquidandis non fit mora" (App. Venezia, 24 Aprile 1908, Comune di Verona c. Societa' Gas di Verona, Temi 938 ; Cassaz. Napoli 11 Gennaio 1908, Di Mario c. Societa' pel Risanamento di Napoli ; Corte di App. 48, Dir. E Giur. XXIII, 692)."*

Fl-Appell Kummercjali **Anthony Mercieca vs In-Nobbli Salvino Testaferrata Moroni Viani et**[10] *gie osservat :-*

*"Kreditur li sofra danni jista' jitlob lill-Qorti jew ammont determinat, minnu stabbilit, jew ammont* ***indeterminat*** *li jrid jigi mill-Qorti* ***determinat*** *jew kif abitwalment jinghad fil-proza guridika,* ***likwidat****. Ammont* ***likwidu*** *jew ammont* ***illikwidu*** *huma espressjonijiet ekwivalenti ghall-ammont* ***determinat*** *jew ammont* ***indeterminat****, u dawn huma dejjem riferibbli ghall-pretensjoni avvanzata fit-talba tal-attur. Huwa l-attur li jiffissa t-termini tal-pretensjoni tieghu u huwa jaghzel jekk jitlobx l-ammont minnu* ***determinat*** *jew jitlob ammont* ***indeterminat*** *li ghandu jigi* ***determinat*** *mill-Qorti. Is-sinjifikat ta' din is-sentenza ma jinbidilx jekk kemm-il darba jintqal illi l-attur jaghzel jekk jitlobx ammont preciz minnu likwidat jew jitlobx ammont li ghandu jigi mill-Qorti* ***likwidat*** *;*

***Tillikwida*** *tiddeskrivi l-azzjoni li biha ticcara sitwazzjoni li cara ma tkunx, u per analogija, ghalhekk tintuza biex sitwazzjoni monetarja konfuza jew mhix cara, tigi stabbilita u ccarata. Per estensjoni, infatti,* ***tillikwida vertenza****, tfisser tikkonkludiha u b'hekk ticcaraha definittivament ….."*

[10] 16 ta' Dicembru 1991, Vol. LXXV.ii.643

F’dik il-kawza *“il-pretiza ta’ l-attur kienet ghall-ammont* ***cert u likwidu****, u l-kontestazzjonijiet u c-cahdiet tal-konvenuti huma ghal kollox fatturi rrilevanti ghad-determinazzjoni ta’ certezza u l-likwidita’ tal-pretiza tal-attur.”* Ghalhekk l-imghax kummercjali jiddekorri mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni.

Hekk ukoll fl-Appell Civili **Emanuel Cardona et vs Dr. Graham Busuttil et**[11], fejn l-atturi appellanti ppretendew li l-imghaxijiet fuq ammont likwidat ghal servigi kellhom ikunu komputati mid-data tan-notifika tac-citazzjoni u mhux mid-data tas-sentenza, gie ritenut li dik *“il-pretensjoni li ma tistax tintlaqa’ minhabba li l-principju legali li jghodd ghall-kaz hu li in illiqudis non fit mora.”*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Mario Mallia et vs Francis Bezzina Wettinger,** il-Qorti ta’ l-Appell[12] il-kwistjoni kienet dwar rifuzjoni ta’ depozitu li sar fuq konvenju w allura kien ammont determinat. Il-Qorti ta’ l-Appell rriteniet hekk:

‘L-artikolu 1141 tal-Kodici Civili jipprovdi li *jekk l-obbligazzjoni tkun ta’ xorta kummercjali jew jekk il-ligi tkun tiddisponi li l-imghaxijiet ghandhom jibdew ighaddu ipso jure, l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dak inhar li l-obbligazzjoni kellha tigi esegwita.*” *F’kull kaz iehor, l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dak inhar illi ssir sejha ghall-hlas b’att gudizzjarju, ghalkemm fil-ftehim ikun gie stabbilit zmien ghall-esekuzzjoni ta’ l-obbligazzjoni.*

*Is-sentenza ta’ l-ewwel qorti akkordat l-imghax mid-data tas-sentenza minghajr ma qalet ghala kien qed jigi deciz hekk. Mill-fuq espost jidher li l-ewwel qorti kienet zbaljata inkwantu l-imghax jew kellu jigi akkordat mid-data meta l-ammont kellu jigi mhallas lura, u dana f’kaz li l-obbligazzjoni kienet wahda kummercjali, jew, jekk l-obbligazzjoni ma kienetx ta’ natura kummercjali, dan l-imghax ghall-anqas kellu jibda jigi komputat mid-data tal-prezentata tal-att gudizzjarju stante li l-ammont reklamat*

[11] 10 ta’ Jannar 1995, Vol LXXIX.ii.239
[12] App Civ Nru: 866/1991 deciz fit-10 ta’ Ottubru 2003

*bhala kapital kien wiehed determinat, u dana kif gie diversament ritenut u deciz minn din il-Qorti'.*

Illi ghalhekk jehtieg li jigu determinati diversi punt: (i) jekk l-obbligazzjoni kinitx ta' xorta kummercjali; u (ii) jekk l-ammont kienx wiehed cert u likwidu.

Illi l-attur isostni li l-konvenut Avukat Michael Caruana imkien ma cahad li huwa kummercjant involut sew fl-izvilupp tal-proprjeta'. Anzi fix-xhieda tieghu qabbel ix-xoghol maghmul mill-attur ma' xoghlijiet ohra mwettqa minn terzi persuni f'ismu bhala kummercjant.

Illi l-konvenut Caruana ma jaqbilx ma' tali sottomissjoni u dan peress li huwa jsostni li ma ngabet l-ebda prova li x-xoghol li r-rikorrent gie nkarigat li jaghmel kellu skopijiet u fini ta' natura kummercjali. Anzi fuq is-sit proprjeta' tieghu ma kien hemm l-ebda zvilupp hlief li saru pedamenti ghall-bini li jista' jsir fil-futur.

Illi din il-Qorti tirreferi ghall-prezunzjoni *juris tantum* li tezisti fil-ligi ossija li att ta' kummercjant huwa prezunt li huwa att kummercjali.  Illi rrizulta mill-atti li l-Avukat Caruana huwa nvolut sew fl-izvilupp tal-proprjeta'. Tant dan huwa minnu li huwa stess ipprezenta fl-atti ta' din il-kawza kont mahrug minn Vella Brothers ghal xoghol ta' konkos li sar fi progett iehor minn tieghu fejn kien qieghed jinbena l-hajt u fil-fatt ippretenda li l-istess Perit Tekniku jiehu in kunsiderazzjoni dawk l-istess rati.

Illi pero' fi kwalunkwe kaz irid jigi determinat jekk l-ammont kienx wiehed cert u likwidu u dan peress li kif jinsab ritenut fid-decizjoni riportata a **Vol XXXVIII pIII p642**, fuq l-insenjament tal-gurisprudenza u d-dottrina Taljana, illi "debitu kummercjali likwidu u ezigibbli ta' somma ta' flus jipproduci interessi "di pieno diritto". Jissokta jigi precizat illi "il sol fatto che il creditore non abbia chiesto gli interessi, costituenti per legge un credito liquido, non importa rinuncia ai medesimi".  Dan ghaliex il-kreditur ta' debitu skadut huwa "di pieno diritto kreditur anke tal-interessi dekorsi mill-gurnata ta' l-iskadenza sa dak tal-pagament".

Illi kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Vincent Brincat vs Anna Caruana**[13]**:**

Kif deciz fis-sentenza a **Vol XXXIX pII p585**, “hawn tqum il-kwestjoni ta’ min ghandu jaghmel il-prova. F’dan ir-rigward jehtieg li ssir distinzjoni bejn il-kreditur u d-debitur tal-obbligazzjoni. Il-kreditur ghandu jipprova l-inadempjenza tad-debitur, li tista’ tikkonsisti anke f’semplici dewmien; ghandu jiddemostra fatt li fih innifsu jkollu l-impronta tal-htija tad-debitur. Wara li tkun saret mill-kreditur din il-prova, jaqa’ fuq id-debitur l-oneri li jipprova li dak l-inadempjent kien dovut ghal xi haga barranija (“causa estranea”) li taghha huwa ma kienx responsabbli, jigifieri illi huwa ma kellux htija billi kien mexa bid-diligenza ta’ “bonus paterfamilias” (Art 1175 (1) u Art 1176, illum Art 1132 u 1133 tal-Kodici Civili). Jekk imbaghad id-debitur ma jasalx ghal din il-prova huwa jkun fi htija u jidhol responsabbli ghad-danni, u f’kaz ta’ obbligazzjoni li jkollha bhala oggett il-hlas ta’ somma determinata, id-danni li jigu mid-dewmien tal-ezekuzzjoni taghha jikkonsistu fl-imghax … …”

Illi jirrizulta mill-provi illi l-Avukat Caruana rnexxilu jiskarika din il-prova. Infatti rrizulta mill-provi li l-Perit Dimech li kien il-Perit inkarigat minn Debattista u l-Perit li kien inkarigat mix-xoghlijiet hareg erba’ (4) kontijiet, wiehed minnhom ipotetiku li proprju ghaliex kien kont ipotetiku gie anki skartat mill-Perit Tekniku. L-ammonti li kienu qed jigu pretizi minghand il-konvenut Caruana varjaw sostanzjalment bejn kont u iehor. L-Avukat Caruana ilmenta wkoll li saru xoghlijiet in eccess ghal dak originarjament miftiehem pero’ jinghad hawnhekk li hekk kif il-Perit Tekniku spjega li *certu taghrif jinkixef meta thaffer inti ma tkunx tafhom qabel certu affarijiet hux, fl-iskavar dejjem ikun hemm variation, dik hija haga normali*[14]*.* Il-Perit Tekniku qabel ukoll mal-konvenut Caruana li l-istarters kellhom isiru f’livell aktar baxx minn dak li kien miftiehem bejn il-partijiet u illi fic-cirkustanzi ta’

[13] Appell Civ Nru: 832/2001PS deciz fit-23 ta’ Gunju 2004
[14] Xhieda tal-Perit Alan Saliba in eskussjoni a fol 201 tal-process

kif saru se jkunu nutilizzabbli ghall-istess Caruana[15]. Irrizulta wkoll li whud mir-rati pretizi mill-attur kienu oghla tant li mir-rapport tal-Perit Tekniku rrizulta li in effetti huwa nofs l-ammont pretiz minnu li huwa dovut mill-Avukat Caruana. Dan ghalhekk iwassal lil din il-Qorti ghall-konkluzjoni li l-Avukat Caruana kellu kull dritt li jitlob l-ammont pretiz mill-attur jigi determinat gudizzjarjament u ma kienx semplici kapricc sabiex idum biex ihallas. Dan qed jinghad kemm ghaliex l-istess Caruana qabbad Perit tieghu li wara li hejja l-kont l-istess Caruana hallas (ghalkemm ftit xhur wara) lill-attur l-ammont li skont il-Perit tieghu kien dovut, kemm ghaliex uhud mill-ilmenti tieghu fil-fatt irrizultaw gustifikati. Infatti hekk kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony Buhagiar pro et noe vs Edward Scerri[16]**

*‘Din il-konsiderazzjoni twassal ukoll lil din il-Qorti biex tqis illi l-ahhar aggravju tal-appellant fir-rigward tal-kundanna ghall-hlas ta’ imghax li, skond is-sentenza appellata kellhom jiddekorru mid-data tan-notifika tac-citazzjoni, kien wiehed gustifikat. L-appellat proprio et nomine jirribatti illi l-ammont mitlub kien cert u likwidu mill-ewwel u kulhadd kien jaf x’ammont preciz kien qed jintalab. Dana biex isostni illi allura avolja l-ewwel Qorti kienet akkordat biss parti mis-somma mitluba, kellhom jiddekorru l-imghax fuq dik il-parti sa mill-bidu nett anke ghaliex il-kawza hadet certu numru ta’ snin biex tigi determinata. Din il-Qorti ma taqbilx illi c-certezza u l-likwidita’ tal-ammont dovut kellha tirrizulta biss mill-pretensjoni preciza tal-kreditur. Ghall-kuntrarju din kellha tirrizulta minn dak li kien oggettivament dovut lilu. U jekk dak lilu dovut jirrizulta li ma kienx sostanzjalment dak li kien pretiz, tali diskrepanza kellha tiggustifika ir-riluttanza tad-debitur li jhallas u konsegwentement tiggustifika n-nuqqas ta’ pagament. F’dawn ic-cirkustanzi d-debitur ma jistax jigi penalizzat ghax ma kienx f’posizzjoni li jhallas dak pretiz mill-kreditur propiju minhabba li dan tal-ahhar ikun ippretenda ammont li jirrizulta gjudizjarjament li ma kienx dovut.*

[15] Xhieda tal-Perit Alan Saliba in eskussjoni a fol 202 u 203 tal-process
[16] Appell 528/89 deciz fit-30 ta’ Marzu 2001

*Ma setax u ma kellux allura d-debitur li f'dawn ic-cirkustanzi jigi penalizzat mid-dekors tal-imghax fuq ammont li la hu likwidu u lanqas cert u li jsir hekk likwidu u cert appena l-kreditu jigi gudizzjarjament definit. "Il-principju li ma jghaddux interessi fejn is-sejha ma tkunx wahda ghall-hlas ta' ammont likwidu, cert u determinat japplika wkoll f'sitwazzjoni fejn il-kontestazzjoni tad-debitur tirrizulta li tkun wahda valida b'mod li jkun car li d-debitur mhux biss ikun gustifikat li ma jhallasx dak li jkun gie intimat biex ihallas imma wkoll li jkun difficli jekk mhux impossibbli ghalih, li jkun jaf x'inhu minnu dovut minghajr ma ssir investigazzjoni gudizzjarja fil-kawza u sakemm din issir" (William Sare nomine vs Carmel sive Charles Sammut deciza minn din il-Qorti fid-29 ta' Mejju 1998). Konformement ma' dan l-insenjament din il-Qorti ser tiddegreta li l-imghax kellhom jibdew jiddekorru mid-data tas-sentenza appellata. Dan billi kien f'dik is-sentenza li kien gie determinat x'kien l-ammont rejalment dovut mill-konvenut lill-attur proprio et nomine u una volta kien ovvju mill-istess sentenza illi tali ammont mhux biss kien sostanzjalment inferjuri ghal dak reklamat imma wkoll ma kien jinkludi l-ebda partita fih illi fir-rigward taghha seta' jinghad li d-debitur kien qieghed f'posizzjoni li jhallasha qabel ma nghatat is-sentenza appellata ghaliex kienet certament dovuta. Dan l-aggravju qed jigi ghalhekk milqugh waqt li ghall-bqija s-sentenza appellata qed tigi konfermata'.*

Illi in vista tal-fatt li l-Avukat Caruana diga' hallas is-sorte ta' €6,800 lill-attur abbazi tar-rapport tal-Perit Tekniku (li effettivament huwa ammont inferjuri ghal dak indikat mill-Perit Tekniku fir-rapport tieghu bhala dovut mill-konvenut Caruana) u l-mertu llum jinsab ezawrit ghandu jitqies li l-imghax dovut lill-attur ghandu jibda jiddekorri mid-data ta' meta gie ppubblikat ir-rapport tal-Perit Tekniku ossija mill-21 ta' Ottubru 2011. Dan peress li wara l-pubblikazzjoni tieghu l-Avukat Caruana kien ghadu qieghed jikkontesta partijiet mill-ammonti izda wara li l-Perit tekniku gie eskuss huwa hallas l-ammont ta' €6,800 u dan wara li huwa u l-attur tkellmu bejniethom. Kwindi bi ftit aktar buona volonta'

setghu jaslu qabel u ghalhekk ma jkunx gust li jittiehed vantagg minn dan il-fatt.

## 2. Spejjez tal-Kawza

Illi dwar l-ispejjez tal-kawza rrizulta li l-konvenut Debattista mhux talli m'ghandux jaghti lill-attur talli effettivament hallas iz-zejjed. Ghalhekk huwa evidenti li l-attur m' ghamilx il-verifiki tieghu sewwa qabel il-prezentata ta' din il-kawza. Ghaldaqstant l-ispejjez kollha ta' din il-kawza rigwardanti l-konvenut Debattista ghandhom jigu sopportati nterament mill-istess attur.

Illi dwar il-kumplament ta' l-ispejjez tal-kawza rrizulta li l-ammont pretiz mill-attur kien wiehed eccessiv u l-ammont li diga'thallas lill-attur huwa anqas min-nofs ta' l-ammont pretiz minnu. Ghaldaqstant huwa opportun li l-ispejjez l-ohra (eskluz ta' Debattista) ghandhom jigu sopportati mill-attur u mill-konvenut l-Avukat Caruana inkwantu ghal nofs kull wiehed.

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu:

1. Tordna lill-konvenut Avukat Caruana ihallas imghax ta' tmienja fil-mija (8%) fuq l-ammont ta' sitt elef u tmien mitt euro (€6,800) lill-atturi b'effett mill-21 ta' Ottubru 2011 sal-pagament effettiv.

2. Tordna li l-ispejjez tal-kawza rigwardanti l-konvenut Josef Debattista ghandhom ikunu kollha a karigu ta' l-atturi.

3. Tordna li l-ispejjez l-ohra tal-kawza ghandhom jigu spportati nofs b'nofs mill-attur u mill-konvenut l-Avukat Dottor Michael Caruana.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------